**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2023**

**<u>Rikors nru : 125/2022 AGV</u>**

**GC**

**Vs**
**PC ,**
**C A, MP,**
**SX , bhala l-eredi tal-mejjet CA**
**U Direttur Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' GC fejn ippremettiet is-segwenti :-

1 Illi r-rikorrenti twieldet fil-Pieta', hawn Malta, fit-18 ta' Awissu 1989, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid Numru 4045 tas-sena 1989, mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku datat 27 ta'April, 2022 hawn anness u mmarkat bhala dokument **"GC-1.**"

2 Illi skond ma jirrizulta mill-fuq imsemmi Att tat-Twelid, missier ir-rikorrenti kien gie indikat bhala PC u dan billi dak iz-zmien l-imsemmi PC kien mizzewweg ma' omm ir-rikorrenti R C nee' A u dan skond ma jirrizulta mill-Att taz-Zwieg Numru 963 mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku datat 18 ta' April, 1974 hawn anness u mmarkat bhala document **"GC-2.**"

3 Illi kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-missier naturali ossia bijologiku tar-rikorrenti kien fil-fatt CA illi twieled fil-21 ta' Jannar 1966, skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid Numru 612 mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku datat 9 ta' Frar 1966 hawn anness u mmarkat bhala document "**GG-3.**"

4. Illi difatti, fost provi ohra fattwali, ir-rikorrenti sa minn twelidha dejjem taf lil ommha l-imsemmija RC bhala separata *de facto* minn ma zewgha l-intimat PC u bhala li l-imsemmija ommha kienet tikkoabita mal-imsemmi C A u dana fil-fond flat 5, Triq Luwigi Pisani, Binja tas-Salvatur, Entrance B, Kalkara. Dana l-fond kien fil-fatt iservi bhala r-residenza tal-familja komposta minn omm ir-rikorrenti l-imsemmija R C , is-sieheb taghha l-imsemmi CA ir-rikorrenti stess kif ukoll hu r-rikorrenti C C li huwa erba' (4) snin izghar minnha. L-imsemmi CA kien ukoll spicca illi miet f' dina l-istess residenza, f'liema zmien ir-rikorrenti kellha tmien (8) snin.

5 Illi b’ zieda mal-fuq premess, l-imsemmi CA dejjem agixxa bhala missier ir-rikorrenti, fl-aspetti kollha tat-trobbija taghha, u dana sakemm miet, meta mbaghad omm ir-rikorrenti dahlitha fl-istitut ta’ Angela House, amministrat mis-sorijiet tal-Ursolini. L-intimat PC qatt ma kellu xi involviment fir-rigward tar-rikorrenti. Kien biss meta ir-rikorrenti kellha xi tnax il-sena illi saret taf illi l-intimat P C kien irregistrat bhala missierha fl-att tat-twelid taghha.

6 Illi l-imsemmi missier naturali ossia bijologiku tar-rikorrenti, CA kien miet fl-4 ta’ April, 1997 u gie midfun fic-cimiterju ta’ Maria Addolorata, u dan skond ma jirrizulta mill-Att tal-Mewt Numru 1716 mahrug mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-18 ta’ Lulju 1997 hawn anness u mmarkata bhala dokument “**GC-4.**”

7 Illi b’ danakollu r-rikorrenti xorta wahda ghandha interess u sahansitra dritt li tistabilixxi skond il-ligi min fil-fatt huwa l-missier naturali ossia bijologiku taghha. Stante l-fatt illi illum l-imsemmi CA huwa mejjet, din il-kawza kellha tinfetah kontra l-eredi tieghu, u cioe’ l-intimati Ch A , MP u S X

8 Illi fil-fatt l-imsemmi CA kien miet *ab intestato*, u billi ma kienx mizzewweg, billi r-rikorrenti ma kienetx rikonoxxuta bhala bintu u billi ma kellux tfal ohra, l-intimati ChA bhala missieru u MP u S X , bhala hutu, kienu gew meqjusa bhala il-werrieta tieghu skond il-ligi flimkien ma’ ommu illum il-mejta L A nee’ G .

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghobgha:-

1 Tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier naturali ossia bijologiku tar-rikorrenti huwa il-mejjet CA , kif rapprezentat ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri mill-eredi tieghu l-intimati CH A , MP u SX , u mhux l-intimat PC

U

2 Tordna konsegwentement illi ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, kif ukoll f'kull Att iehor dwar l-istatus civili tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

**IL-QORTI,**

**RAT IR- RISPOSTA ĠURAMENTATA TAD-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU, FEJN ECCEPIXXA S-SEGWENTI:-**

**1.** Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi l-attriċi ma ddikjaratx fuq liema artikolu tal-liġi qiegħda ssejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attriċi għandha tagħmel dan, filwaqt li l-istess esponent bil-permess ġentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriżerva d-dritt li jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

**2.** Illi in vena preliminari wkoll, u tenut kont tal-preżunzjoni legali illi r-rikorrenti, imwielda fiż-żwieġ bejn R u PC hija l-wild naturali tal-koppja, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun xieraq u opportun li omm ir-rikorrenti, R C nee' A , tiġi msejħa f'din il-kawża sabiex hija wkoll twieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti.

**3.** Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi qabel ma tiġi ttrattata l-paternità tad-defunt CA għandha tiġi megħluba l-preżunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi adegwatament jiġi ppruvat għas-soddisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-pussess ta' stat tal-attriċi GC , kif definit fl-artikolu 80 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tagħha stess.

**4.** Illi fil-mertu, u b'referenza partikolari għall-paternità in kwistjoni tar-rikorrenti GC , l-esponent mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**5.** Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex jiġi vverifikat jekk il-mejjet, CA , huwiex verament il-missier naturali ta' GC kif hija tikkontendi.

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi, fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, kemm-il darba l-Qorti tkun sodisfatta illi CA huwa tassew il-missier naturali ta' GC

**7.** Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li jiġi ddeterminat li r-rikorrenti mhix il-wild naturali ta' PC iżda hija l-

wild naturali tad-defunt CA , l-esponent jirrileva illi għandu jiġi deċiż b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi r-rikorrenti GC

**8.** Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, ikun xieraq li l-kliem '*the said*' li jinsabu fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid ta' GC nnumerat 4045/1989, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok GC-1', jiġu kkanċellati mill-istess Att tat-Twelid għall-finijiet ta' kompletezza.

**9.** Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu it-talbiet tar-rikorrenti, permezz ta' nota għandhom jiġu speċifikati d-dettalji personali tad-defunt CA fil-mument tat-twelid tar-rikorrenti, senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu; (2) Ismu u kunjomu; (3) Il-professjoni, sengħa jew stat ieħor meta twieldet ir-rikorrenti G ; (4) L-eta` tiegħu meta twieldet ir-rikorrenti; (5) Il-post tat-twelid tiegħu; (6) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet ir-rikorrenti (7) Isem u kunjom missieru; u (8) Jekk missieru kienx għadu ħaj meta twieldet ir-rikorrenti; u dan stante illi tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nnumerat 4045/1989.

**10.** Illi in oltre, fir-rigward tat-tieni talba attriċi, fejn ir-rikorrenti qed titlob illi kull modifika fl-att tat-twelid tagħha tiġi riflessa f'atti oħrajn relattivi u sussegwenti, l-esponent jirrileva illi sabiex dan ikun possibbli, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma l-atti ta' stat ċivili l-oħrajn, jekk hemm, bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed. Għal kull buon fini qed jingħad ukoll illi f'każijiet ta' reġistrazzjonijiet ta' atti ta' stat ċivili esteri li jiġu rreġistrati *ai termini*

tal-Arikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent sempliċement jirreplika l-partikolaritajiet li jkunu indikati fuq l-atti esteri *ad verbatim* u għalhekk ma jkunx possibbli li jsiru modifiki kemm-il darba ma jkunx immodifikat ukoll l-att esteru relattiv.

**11.** Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tiegħu u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti.

**12.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Risposta Ġuramentata** ta' CH A, MP, SX bħala l-eredi tal-mejjet CA , datata 10 ta' Ottubru 2022 fejn eccepew is-segwenti :-

1. Illi preliminarjament, l-eċċipjenti ġew imħarrka f'dawn il-proċeduri fil-kwalita' tagħhom bħala l-eredi tal-mejjet CA , madanakollu u kif se jirriżulta fil-mori tal-kawża, l-istess eċċipjenti ma humiex l-eredi tal-imsemmi CA b'dana illi huma ma humiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet tar-rikorrenti u huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

2. Illi, wkoll in linja preliminari, l-esponenti jeċċepixxu n-nuqqas ta’ integrita` ta’ ġudizzju u dan stante illi l-omm naturali tar-rikorrenti, RC , jew l-eredi tagħha f’każ li hija ġiet nieqsa, mhumiex imdaħħla fil-kawża.

3. Illi fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.

4. Illi l-pożizzjoni tal-eċċipjenti hija waħda ta’ bla ħtija, u fi kwalunkwe każ, huma m’għandhomx jiġu ordnati illi jħallsu xi spejjeż in konnessjoni ma’ dawn il-proċeduri.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi bil-Liġi.

Bl-Ispejjeż kontra r-rikorrenti, li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

**L-attrici** tikkonferma li ommha (illum mejta) RA kienet izzewwget lil PC a fit-18 ta’ April, 1974, liema zwieg imbaghad gie ddikjarat null permezz ta’ sentenza fl-ismijiet **PC vs RC** datata 30 ta’ Ottubru, 2002 u ommha kienet regghet hadet kunjom xbubitha.

Tispjega li ftit wara ommha u zewgha kienu telqu lil xulxin u kienet ghamlet xi zmien tghix barra minn Malta, imbaghad kien iltaqghet ma’ missierha CA . Kienet ommha li kienet qaltlilha li kienu bdew relazzjoni u kienet harget tqila biha.

Tikkonferma li kienet twieldet fit-18 ta' Awissu, 1989 u dak iz-zmien kienu joqoghdu l-Kalkara. A, missierha kien iqatta' hafna hin maghhom il-Kalkara, minkejja li kien ighix fid-dar ta' missieru Rahal Gdid. Kien biss wara li kellu xi jghid ma' missieru li mar ighix maghhom permanentement. Tghid li l-familjari ta' missieru ma kinux kuntenti bir-relazzjoni tieghu ma' ommha u dan kien wassal ghal tilwim taghhom.

Tispjega li nannitha paterna kienet mietet bil-kancer fil-musrana u tikkonferma ukoll li kienet zviluppatilha dan it-tip ta' kancer (Lynch Syndrome).

L-attrici ttenni li missierha CA kien prezenti hafna f'hajjitha. Kien ukoll ghamel *tattoo* b'isimha. Esebit ukoll ritratti taghha m'ommha u missierha meta kienet ghamlet il-Precett.

Tishaq li kienu jiffrekwentaw lil M u S , iz-zijiet paterni tal-attrici, izda qatt ma thalliet tiltaqa' man-nannu pattern C A A

Issemmi li missierha kien jabbuza mid-droga u ghalkemm ommha kienet tipprova twaqqaflu l-vizzju, hutu u anke l-buznanna P kienu jtih il-flus, li spicca ma waqqafx il-vizzju u miet b'*overdos*e. Meta pprova jaghmel programm ta' riabilitazzjoni riedha mieghu u spiccat li marret tghix mieghu fid-dar riabilitazzjoni ta' Santa Marija.

Wara l-mewt ta' missierha, tispjega li ommha kienet f'waqqghet f'depressjoni u kienet bghatet lilha u lil huha Angela House. Hemmhekk kienu jmorru jarawha n-nanna paterna, kif ukoll iz-zijiet paterni.

Fl-2013 kienet marret tfittex lin-nannu patern li accertaha li ma kellhiex cans li tirtu. Kien fis-16 ta' Jannar, 2014, li l-avukat taghha Dr. Kevin Dingli kien talab lil MP sabiex tassoggetta ruhha ghad-DNA tests tramite l-avukat taghha, izda rrifjutat.

L-attrici tinsisti li hi bint CA u kellha tiftah dina l-kawza peress li l-familjari ta' missierha qatt ma riedu jikkooperaw sabiex jirrikonoxxuha bhala bint huhom u ghalhekk kellha tiftah dina l-kawza ghaliex taghtiha identita' li ilha nieqsa minnha ghal dawn is-snin kollha.

2. **Dr.Marisa Cassar** ikkonfermat li mit-testijiet ta' DNA rrizultalha li ma jistax jigi eskluz li iben CH A u hu MP u SX , hu l-missier bijologiku ta' G C .[1]

3.**Ch A** ikkonferma li hu bhala missier C A li miet fl-4 ta' April, 1997, kif ukoll uliedu M u S, kienu rrinunzjaw ghall-wirt tieghu.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Il-konvenuti CH A , MP u SX eccepew illi mhumiex legittimi kontradittturi peress illi mhumiex eredi tal-mejjet CA .

L-istess konvenuti pprezentaw nota fejn iddikjaraw li huma effettivament kienu l-eredi tad-decujus CA pero' peress li kellu hafna djun u miet bla assi, kienu ddecidew li jirrunzjaw ghall-istess wirt. Ma kienx f'posizzjoni li

[1] Fol. 149

jipproduci l-istess rinunzja, hlief estratt mis-sistema online tal-Qorti fejn hemm indikat li kien hemm rinunzja ta' wirt quddiem is-Sekond'Awla.

Madanakollu, dina l-Qorti precedentement ghall-prezentata ta' dan l-estratt, kienet ordnat li jsiru t-testijiet genetici fuq l-istess konvenuti u fil-fatt saru minn Dr. Marisa Cassar, kif ser jigi kkunsidrat iktar 'il quddiem.

Inoltre, jirrizulta li d-decujus CA kien miet *ab intestato* u sakemm infethet u ilha ghaddejja dina l-kawza, l-istess attrici ma kinitx rikonoxxuta bhala bintu, u ghalhekk il-konvenuti biss jirrizultaw bhala l-unici axxendenti u eredi bijologici.

Tenut kont tal-fatt li dawn it-testijiet genetici huma necessarji sabiex tigi stabbilita' l-paternita' u l-istess konvenuti kienu diga' gew assoggettati ghalihom, dina l-Qorti mhix ser tilliberahom milli jkunu legittimi kontradditturi pero' ser tiehu in konsiderazzjoni l-posizzjoni taghhom in kwantu jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza.

**<u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Dwar l-eccezzjoni li omm l-attrici RC missha giet imdahhla fil-kawza, ghandu jigi rilevat li *in primis*, omm l-attrici kienet mietet fil-15 ta' Dicembru, 2015 u cioe' ferm qabel ma nfethet dina l-kawza.[2]

Inoltre, l-Artikolu 94 jikkontempla li m'hemmx preskrizzjoni sabiex it-tifel jistabilixxi l-filjazzjoni proprja tieghu.

[2] Doc. GC 9 a fol. 92 tal-process.

L-Artiklu 70(2) jikkontempla illi d-dikjarazzjoni tal-konjuġi li wiled fis-sens li l-konjuġi l-ieħor mhux il-ġenitur naturali tal-wild għandha tingħata konsiderazzjoni f'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-konjuġi l-ieħor minn ġenitur.

Fil-kaz **Josianne Giusti vs Pierre Giusti ( 16.02.2001)** il-Qorti rriteniet illi d-dikjarazzjoni tal-omm ghandha l-piz taghha, pero' mhix wahda konkluzziva, ghaliex jehtieg ukoll provi ohra bhat-testijiet genetici.

"***Finalment hemm l-ammissjoni tal-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Article 70 (2) tal-Kodici Civili) mehuda ma' dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f'mohh il-Qorti dwar il-paternita' ta' din it-tarbija."***

Ghandu jigi rilevat li ma kienx possibbli li l-attrici takkwista d-dikjarazzjoni t'ommha peress li kienet mietet zmien qabel. L-attrici lanqas ma pproduciet provi ta' min huma l-werrieta t'ommha biex setghu jidhlu fil-kawza.

Ciononostante, fl-ebda hin ma gie kkontestat mill-partijiet li R C mhix omm l-attrici, u ghalhekk il-Qorti ghandha tifhem li effettivament kienet ommha. Inoltre, peress li l-ligi stess taht l-Artikolu 70 (2) ma taghmilx dina d-dikjarazzjoni tal-omm bhala wahda tassativa u konklussiva u ghaldaqstant, dina l-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut CHA , kif ukoll tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**<u>Il-presunzjoni taht l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

**L-Artiklu 81 jikkontempla illi :-**

***"1.(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuhl-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ul-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***

***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnisseljew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat lijaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."***

Dina d-disposizzjoni tal-ligi hafna drabi wasslet ghall-problemi ta' interpretazzjoni in kwantu "Il-pussess ta' stat" titqies bhala haga soggettiva li ghalhekk twassal ghall-apprezzament ta' fatti b'mod kontrastanti.

L-Artikolu 81 jikkontempla presunzjoni assoluta u f'diversi okkazzjonijiet dina l-Qorti waslet biex ticcara r-relazzjoni bejn l-interpretazzjoni tal-Artikolu 77 fid-dawl tal-Artikolu 81.

Fil-kaz **Stephen Healy vs Cylde Farrugia Vella et FHCC 1841/98 – 1 March 2001, il-Qorti wasslet sabiex ittenni illi:-**

**"**Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-artikolu 77 hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 81 li jipprovdi li l-istat ta iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att.

"Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond l-artikolu 77 sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx

ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Ukoll fil-kaz **Mark Fenech Laudi vs Irina Fenech Laudi et noe**. Rik. nru: 44/18 AGV deciza fit-30 ta' Mejju, 2019, il-Qorti kkunsidrat l-interpretazzjoni ta' dawn iz-zewg artikoli tal-ligi:-

*"For the plaintiff to proceed under Article 77 (b),* ***the Court must first and foremost ensure that by proceeding by such an action, no prejudice would be caused to the minor in terms of Article 81. By creating such presumption at law, the legislator wanted to uphold the social and legal interests of the child, more than the biological interests at stake, in the sense that it would be more detrimental to a child to find himself suddenly declared to be illegitimate once again, when he was legitimated for all intents and purposes at law. One cannot simply overturn a child's life upside down after having brought him up within a family structure, with a person who he always considered as his parent, who maintained him and even gave him his surname.***

***Article 81 also derives from the presumption specified in Article 67 that states:-***

***""A child conceived in wedlock is held to be the child of the spouses."***

***The reasoning behind these two presumptions of the law was made clear in the case Anthony Grima vs Josianne Grima[3] - "l-iskop centrali tal-ligi huwa l-protezzjoni tal-istabbilita' familjari li jkunu ghixu fiha l-ulied u***

[3] 36/2012 deciza 24 ta' Marzu, 2015

***li ghalhekk f'din ic-cirkostanza din l-istabbilita' familjari ghandha tipprevali fuq kwalunkwe dritt ta' terzi."***

***The Court continued to explain the raison d'etre behind Article 81 of the Civil Code – "Il-kwistjoni ghalhekk tirriduci ruhha ghall-apprezzament tal-provi dwar jekk il-minuri ghandux stat ta' iben imwieled minn koppja mizzewwga jew inkella ghandux stat li huwa imwieled minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn mara mizzewwga u ragel li ma hux zewgha.***

***Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet "Marco Vella vs Pauline Cassar et." iccitata ukoll mill-konvenut Direttur fin-nota tieghu jinghad hekk:-***

***"Dak li jissejjah ir-raison d'etre ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huma jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l'incarnazione della formula solenne "pater is est quem justae nuptiae demonstrat." (Diritto Civile Vol. 1 para 49 page 76).***

***Fil-kawza "Anthony Grima vs Josianne Grima et." deciza fid-19 ta' April, 2012, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid fir-rigward tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap.16:-***

***"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex icahhad lill-ulied mill-istat ta' ulied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex icahhadhom mill-familja li fiha llum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-art.81 (2) u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel jew twieled matul iz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att ta' twelid tieghu."***

***However, the Court went a step further and expressed itself in this way:-***
***"Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-awtoritajiet pubblici ntimati li kwalunkwe realtá biologika ma ghandhiex tipprevali fuq il-presunzjoni legali li hija bbazata fuq realta' familjari u socjali. Fil-kaz tal-lum, il-presunzjoni legali hija mera tar-realta' familjari u socjali… u l-presunzjoni naxxenti minn din ir-realta' m'ghandhiex tigi disturbata minhabba realta' biologika."***

***"Din il-Qorti hija tal-fehma li l-presunzjoni legali hija skond il-ligi ghaliex parti mhijiex prekluza milli tikkontesta l-paternita'. Il-presunzjoni legali ghandha skop legittimu ghaliex qedgha hemm sabiex tipprotegi d-drittijiet u libertajiet tal-minuri u ghalhekk qeghda tissalvagwardja l-ahjar interess taghhom. Il-presunzjoni legali hija ukoll mehtiega f'socjeta' demokratika sabiex thares ic-certezza legali fir-relazzjonijiet familjari sabiex fl-ahjar interess tal-ulied jipprevali."***[4]

Fil-kaz in kwistjoni, l-attrici tishaq li mill-bidunett missierha, llum mejjet, kien dejjem prezenti f'hajjitha. Ghalkemm fil-bidu l-attrici u ommha kienu jghixu wahedhom, eventwalment, missierha mar jghix maghhom. Kien

[4] Anthony Grima vs Josianne Grima, Kost.36/2012 deciza fl-24 ta' Marzu, 2015

iwassalha l-iskola, kien jorqod id-dar. Kien prezenti ghall-Precett taghha u sabiex tissostanzja dina l-provi pproduciet diversi ritratti li ma gewx ikkontestati mill-konvenuti.

L-attrici xehdet ukoll li peress li missierha, id-decujus CA kien jabbuza mid-droga, kienet qaghdet mieghu sakemm ghamel il-programm ta' riabilitazzjoni. Ghal darb'ohra tali provi ma gewx kontradetti mill-konvenuti.

Ghalhekk mill-assjem tal-provi jirrizulta, li l-attrici zgur kellha iktar relazzjoni mad-decujus milli ma' PC li fic-certifikat tat-twelid kien gie ddikjarat bhala missierha. Ir-realta' bijologika taghha mhix ser thalli impatt fuqha peress li minn dejjem kienet taf u gharfet lil C A bhala l-missier naturali u bijologiku taghha.

Dina l-kawza giet ipprezentata appositament sabiex l-istess attrici ssib serhan tal-mohh li f'ghajnejn il-ligi hija wild id-defunt CA

Ir-ritratti, it-testijiet genetici ikkonfermati minn Dr. Marisa Cassar u l-fatt li l-attrici sfortunatament zvillupalha kancer identiku ghal dak tan-nanna paterna, flimkien jikkonfermaw li l-attrici certament fuq bazi ta' probabilita' hija bint CA

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna l-korrezzjoni mehtiega.

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier naturali ossia bijologiku tar-rikorrenti huwa il-mejjet CA , kif rapprezentat ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri mill-eredi tieghu l-intimati CHA , MP u SX , u mhux l-intimat PC .

Tordna konsegwentement illi ssir il-korrezzjoni mehtiega fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, kif ukoll f'kull Att iehor dwar l-istatus civili tal-istess rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dana illi l-ispejjez tad-Direttur Registru Pubbliku ghandhom ikunu a kariku tal-attrici.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**